# IL-PRESEPJU TA' GULINU

Gulinu kien tfajjel bil-għaqal u jħobb iġemma. Ommu għallmitu biex minn dak li jtuh huma u nannietu jwarrab xi ħaġa żgħira biex meta jiġi żmien il-maltemp isib fuq x'hiex iserraħ rasu. U din id-darba kellu proġett f'rasu. Ried jixtri sett pasturi sbieħ għall-grotta tal-Milied għax dawk li kellu kienu tat-tafal u mxelfin; bosta drabi kien sewwiehom billi kienu fraġli ħafna. Il-grotta tiegħu kien jixraqilha pasturi ta' kwalita' għax dik kien għamilha hu u biha



rebaħ it-tielet post fil-kompetizzjoni li l-kappillan għamel xi sentejn qabel.

Fetaħ il-kexxun u sab il-karus, bott tal-ħalib, li fih kien jitfa' dak kollu żejjed li kien jibqagħlu fi tmiem il-ġimgħa. Wiżnu tnejn fuq idejh u ċekċku biex bħallikieku jara kemm kien faddal fih. "Mit-toqol tiegħu jidher li faddalt mhux ħażin " qal bejnu u bejn ruħu. " Għandi biex nixtri s-sett tal-pasturi, u jifdalli somma sewwa biex nixtri rigal għall-ġenituri tiegħi u nannieti."

Fetaħ il-bott ferrex il-flus fuq il-mejda, għaddhom u sab li tassew kien ġemma aktar milli ħaseb.

Mar għand Wenzu l-Ħaġra li kellu ħanut armat b'kollox. Saqsiħ u

fil-hanut u dak il-hin Wenzu kien qed jargumenta ma' Marija x-Xlukkajra.

Ghalih dan kien mument tajjeb hafna ghaliex kellu l-hin kollu biex jara u jaghzel il-pasturi . Wenzu dam hafna hin jipprova jispjegalha li dak li xtrat ma kellux difett, izda ghaliex hi ma kienitx taf thaddmu. Marija baqghet tghid li dak l-oggett kellu difett. " Ara," qalilha fl-ahhar Wenzu mdejjaq mill-insistenza taghha' "naghtik il-flus lura." Fetah il-kexxun u raddilha lura l-prezz ta' l-oggett. U Marija tleqet 'l barra. Wenzu dahhal l-oggett fil-kamra ta' wara u qal lil martu biex tippakjah kif kien originarjament filwaqt li qalillha ffasidjat: " Jekk tigi darb'ohra nghidilha li ma ghandix jew li dak li trid diga' hallewli l-kappara fuqu."

"Mhux inti imbaghad ma tbghix."

"U Tona mhux ohra. Dik taf x'taghmel? Dik meta tigi biex tixtri tkun trid tara erba oggetti u wara li ngibhomlha, niftahhom u nispjegalha tghidli: ' Issa nerga nghaddi,' jew ' Halli nahsibha ftit'. U ma tixtri xejn."

Wenzu hareg kemmxejn immashan u qaghad jara lil Gulinu jhares fiss lejn il-pasturi. "Inti kemm ser iddum thares lejhom qisek ser tixtri kollox," kien ser jghidlu bil-fawra li kellu fuqu, izda gidem ilsienu, libes il-libsa tal-virtu' tal-pacenzja u hlewwa li bihom kien maghruf li jikkomunika man-nies biex ibiegh u qallu: "Gulin, imbieghlek xi haga?"

"Iva. Ara rrid dak is-sett."

Wenzu resaq lejn il-vertrina fetahha bic-cavetta u kien ser igiblu wiehed ikun liema jkun. Ghalih kollha l-istess kienu.

" Le, le. Mhux dak. Dak l-iehor tar-rokna."

"Kif tghid inti, mghallem," wiegbu bit-tbissima Wenzu.

"Dawn ma jinkisrux," qallu Wenzu u filwaqt li qabad wiehed kien ser

jitfghu fl-art izda fil-pront Gulinu waqqfu.  "Ieqaf, ieqaf. Taghmel xejn . Naf. Jekk ma jinkisrux  imma jimbarxu, le?"

"Da zgur.  Imma jiena ser naghtihomlok fil-kaxxa  u fiha erga' poggihom meta terfaghhom ghas-sena ta' wara. U hekk, jibqghulek dejjem qishom godda. Dan oggett jibqa' sabih daqs kemm tibza' ghalih, Gulinu."

Gulinu hallas u telaq 'l barra. Mar id-dar u wriehom lil ommu u lil missieru. "Tassew sbieh, Gulin.  Ibza' ghalihom, " qalulu ommu u missieru.

Mar fil-kamra tieghu u hareg il-grotta.  Kienet ghadha gdida daqs li kieku kien ghadu hadimha l-bierah. Fiha qieghed il-pasturi u ghaddha mumenti twal ihares lejha. Wara wahhal id-dawl biex matul il-lejl toffri dehra ohra, dehra li ssahhreh u tidhol f'dawk il-waqtiet li fih sehhet din il-grajja.

Id-dalma tal-kamra kienet miksura biss minn dak id-dawl bati ffokat gewwa l-ghar.

Id-dlam ma kienx ilu li raxxax fuq Betlem; il-hajja raqdet u l-abitanti kienu dahhlu rashom ghal lejl iehor.  Izda s-skiet ma damx wisq jinhass fit-tul ghaliex il-kant fil-boghod kiser il-hemda ta' Betlem. Samweli bin Ezdra qam mis-sodda, bexxaq il-purtiera ta' l-ixkora u tefa' harstu fil-boghod minn mnejn kien gej il-kant. Seta' jilmah id-dawl tal-fjakkoli tal-karovana li kienet ser tikkampa fir-rahal.

Il-karovana ma damitx wisq biex waslet u l-kap gabar lin-nies u qalilhom: "L-ahwa ghal dan il-lejl kulhadd jahseb ghar-rasu.  Fittxu fejn jistghu joffrulkom kenn.  Imbaghad ghada jkun jum ta' mistrieh. Min irid ikompli maghna nitilqu ghal Gerusalemm il-jum ta' wara mad-

ix-xoghol taghhom jkun jridu jergghu lura minn fejn telqu jistennew il-karovana l-ohra li ser tasal ghada u titlaq fl-istess jum taghna. Dak kollu. Is-sliem maghkom. Shalom."

Tista' tghid hadd ma offrilhom kenn ghax kulhadd kien mimli bin-nies minhabba ic-censiment. Min ma sabx ma kkonfonda xejn; rema' tinda u dahal jorqod fiha.

Guzeppi u Marija habbtu kull bieb, imma min fetah u rrifjuthom u min baqa' bil-bieb maghluq.  Huma ma sabux anqas kenn minkejja li Guzeppi talab bil-hniena minhabba li martu dalwaqt kienet ser twelledt it-tarbija Gesu'.

Kienet l-ahhar tama tieghu ghaliex wara din id-dar ma kien hemmx djar ohra. Sid din id-dar, Natan qallu: "Kif tara dari hja zghira. Kull ma ghandna hija kamra wahda biss.  Fiha norqdu u nieklu. Anqas ghorba ma ilqajt."

Guzeppi rringrazzjah u Natan kien ghoddu ghalaq il-bieb.  Rega' fethu malajr, ghajjat lil Guzeppi u qallu: "Ara habib, jekk inti trid ghandi ghar li fih hemm xi annimali, tista' jekk trid idahhlu raskom hemm."

Guzeppi accetta u Natan rega qallu: "Stennieni sa ma ngib torca biex niehdok hemmhekk." U sa ma Natan dahal gewwa Guzeppi qal lil martu Marija: " Ahjar mix-xejn.  Ghalinqas il-Providenza tatna kenn." U f'qalbu radd il-hajr li ghall-problema sab soluzzjoni u forsi ghalkemm mhux kif xtaq hu, imma Alla dejjem jahseb f'min jitolbu.

"Ejjew immorru naraw dak li habbrilna l-anglu tal-Mulej," qalu r-rghajja wiehed lil iehor. Dahhlu n-nghag fil-maqjel taghhom, ghazlu kull wiehed l-isbah haruf u telqulha ghal post li ndikalu l-anglu. Fit-triq iltaqghu ma tfajjel imfarfar u qalulu: "Inti minn dawn l-inhawi? Qatt ma rajnik 'l hawn."

"Le, " wegibhom it-tfajjel, " Gejt biex nara l-Messija izda t-triq ma nafhiex."

“Imxi maghna, “ stednuh ir-rghajja. Hekk kif waslu fil-ghar baqghu mistghagba b’dak li raw, imma f’qalbhom hassew ferh kbir.

Kellmu lil Guzeppi u lil Marija u tawhom ir-rigali taghhom.  Marija tat lil Gesu’ f’idejn ir-rghajja u kull wiehed zamm ghal ftit mumenti lit-tarbija tas-sema. Wiehed mir-rghajja li kien mikri ma kellux haruf x’joffri, izda tahom il-ftit frott li ommu kienet ippreparatlu gol-horga .

Wara li r-rghajja telqu, it-tfajjel baqa’ hemm .  “ Tidhru ghajjenin, “ qalilhom.

“Iva. Ghaliex il-vjagg kien twil u ta’ tbatija, “ wiegbu Guzeppi.

“Ara tridux li tistriehu ftit u jiena nittendilkom lit-tarbija.  Jekk tqum u tikbi, nqajjimkom.”

“Jekk lest li taghmel hekk....naccettaw.”

U filwaqt li Guzeppi u Marina hadu nghasa hafifa, it-tfajjel ta kaz tat-tarbija.

Ma kienux ilhom hafna reqdin li t-tarbija Gesu’ fetah ghajnejh.  Kienu kbar u zoroq. Gesu’ beda’ jikbi anzi fil-hsieb tat-tfajjel beda’ jwerzaq. Dak ix-xhir kollu ma qajjimx lil Marija u lil Guzeppi ghax kienu tassew ghajjenin.  It-tfajjel induna li Gesu’ kellu l-guh. Mar iqajjem lil omm it-tarbija. Marija tbissmet u hadet lil Gesu’ f’dirajha u filwaqt li rringrazzjat lit-tfajjel taghtu bewsa fuq haddejh.

Gulinu nhasad u qam ghal gharrieda u hemm quddiemu fid-dalma tal- kamra jilmah il-presepju b’dawl bati ffokat gewwa l-ghar fid-dalma tal-kamra tas-sodda tieghu.



Gulinu rieqed waqt li johlom holma sabieha